# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 30 ta' April, 2001.**

**Numru 62**

**Citaz. Nru. 393/97GV**

**Doc. Nru. 72-01**

**David Micallef**

**vs**

**Noel Falzon**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-attur gie kommissjonat mill-konvenut biex jesegwixxi xogholijiet ta' kisi fuq il-fil u xoghol konness referibbilment u konness mal-fond "Carrie", Sir M. A. Scott Street, San Pawl tat-Targa;

Premess illi x-xoghol hekk ordnat ma giex kompletat in kwantu l-konvenut waqqaf lill-istanti milli jissokta bl-ezekuzzjoni tal-istess xoghol minnu mibdi;

Premess illi l-konvenut naqas li jhallas lill-attur l-ammont lilu dovut in konnessjoni ma dan l-appalt u dan nono stante li saritlu anke interpellazzjoni ufficjali;

L-attur talab lil din il-Qorti:-

1. Tiddikjara u tiddecidi illi l-istanti gie kommissjonat appalt konsistenti f'kisi fuq il-faccata tal-fond "Carrie", Sir M. A. Scott Street, San Pawl tat-Targa u xoghol relatat ghal liema appalt l-istess konvenut baqa' ma hallsux;

2. Tillikwida, okkorrendo bl-operat ta' perit nominad l-ammont lilu dovut ghax-xoghol ezegwit;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat;

Bl-interessi u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Jannar, 1997 u tal-ittra legali tat-12 ta' Dicembru, 1996 kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 18 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma kollha nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt stante li x-xoghol minnu kommess la kien komplut, la kien qed isir skond l-arti u s-sengha, u kien mixi bil-mod wisq;

2. Illi ghax-xoghol li lahaq ghamel l-attur, id-depozitu li kien diga' hallsu l-konvenut kien bizzejjed biex ikopri kwalunkwe ammont dovut lill-attur;

3. Illi bla pregudizzju ghal dan, u fi kwalunkwe kaz, anke kieku kien ghad fadal xi bilanc a favur ta' l-attur, dan il-bilanc ghandu jigi pacut bl-ammont minnu dovut lill-konvenut in vista tad-danni minnu kkawzati fil-konfront tal-konvenut, kif spjegat ahjar fil-kontro-talba hawn annessa;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

5. Illi l-konvenut qieghed juza dawn il-proceduri biex jaghmel il-kontro-talba tieghu.

Rat il-kontro-talba tal-attur a fol. 20 tal-process fejn ippremetta:

Premess illi lejn l-ahhar tal-1995 il-konvenut in rikonvenzjoni qabbad lill-attur rikonvenzjonat biex jezegwilu diversi xogholijiet gewwa l-fond “Carrie”, Triq Sir. M. A. Scott, San Pawl tat-Targa, liema xoghol gie kompletat u ta’ liema xoghol l-attur rikonvenzjonat thallas kollox;

Premess illi rrizulta li xi xoghol ma sarx kif tirrikjedi s-sengha, u ghalhekk kien hemm bzonn li jitnehhew in-nuqqasijiet kommessi mill-attur rikonvenzjonat;

Premess illi meta l-konvenut in rikonvenzjoni talab lill-attur jirranga dawn in-nuqqasijiet, l-attur ipprometta li kien ser jirranga’ kollox izda fil-fatt halla kollox kif kien;

Premess li sadanittant l-attur rikonvenzjonat gie kommess mill-konvenut biex jezegwixxi xoghol fuq barra tal-fond imsemmi, ta’ liema xoghol huwa ha depozitu ta’ Lm500;

Premess li l-attur beda jiehu fit-tul esegerat u mhux ragonevoli biex jaghmel ix-xoghol miftiehem, liema xoghol ma kienx qed jaghmlu skond is-sengha u l-arti;

Premess li kien wara li l-attur zarma kollox u telaq li l-konvenut kellu jsib lil haddiehor biex jezegwilu x-xoghol, liema xoghol kellu jerga’ jsir mill-bidu;

Il-konvenut talab lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara li bl-agir tieghu l-attur ikkawza danni lill-konvenut;

2. Tillikwida tali danni, okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi;

3. Tordna lill-attur ihallas lill-konvenut dik is-somma hekk likwidata bhala danni.

Bl-isejjez u bl-interessi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut a fol. 24 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi t-talba tal-konvenut rikonvenzjonant hi nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li kien il-konvenut li tterminalu l-appalt u di piu l-istess konvenut ma setax jagixxi marte proprio u jinkariga terzi minghajr ma qabel jadixxi lil Qorti u jottjeni l-awtorizzazzjoni mehtiega ghal daqshekk.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet a fol. 26 li bih gie nominat il-Perit Doublet bhala espert tekniku;

Rat ir-rapport ta' l-imsemmi perit;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attur talab li jigi dikjarat li hu kien gie kommisjonat appalt konsistenti f'kisi ta' faccata tal-fond Carrie, Sir M. A. Scott Street, San Pawl tat-Targa u xoghol relatat ghal liema xoghol l-konvenut baqa' ma hallsux.

Il-konvenut wiegeb li l-attur ma kienx ikkompleta x-xoghol li kien gie kommisjonat u lanqas kien sar skond is-sengha u l-arti u kien miexi bil-mod wisq. Hu kien ghamel depozitu ta' Lm500 u ghalhekk dan l-ammont kien bizzejjed biex ikopri x-xoghol li l-attur lahaq ghamel. Anke kieku l-attur kellu jiehu xi bilanc, dan ghandu jigi pacut bl-ammont li l-konvenut ghandu jiehu minghand l-attur in vista tad-danni li hu sofra meta kellu jqabbad lill-haddiehor biex jaghmel ix-xoghol mill-bidu. F'dan is-sens hu pprezenta kontro-talba ghad-danni.

L-attur wiegeb ghal din il-kontro-talba billi qal li kien il-konvenut li tterminalu l-appalt u dan ma setghax marte proprju jinkariga lill terzi minghajr ma jadixxi l-Qorti u jottjeni l-awtorizzazzjoni mehtiega ghal daqshekk.

Il-Qorti kienet innominat lill Perit Fredrick Doublet li pprezenta relazzjoni (ara fol. 42 et seq) fejn hu kkonkluda li l-attur haqqu jiehu Lm500 minghand il-konvenut.

Kienu saru diversi seduti quddiem il-perit tekniku fejn l-attur ressaq il-provi tieghu mentri l-konvenut naqas li jressaq il-provi tieghu u fid-dawl t'hekk il-perit ma hax in konsiderazzjoni l-kontro-talba tal-konvenut.

Dwar it-talba principali cioe' dik ta' l-attur, jirrizulta li l-ftehim kien sar bejn l-attur u l-konvenut ghalkemm kien imdahhal Chris Grima fin-negozjati (ara ftehim a fol. 77 dok. DM 1). Ma kien hemm involuti ebda *turnkey contractors* u lanqas Teo Constructions. (ara fol. 54).

Il-konvenut semma fid-dikjarazzjoni tieghu (ara fol. 19) li x-xoghol seta' tlesta fi ftit granet izda fil-fatt beda jiehu x-xhur tant li hu kien kostrett li jwaqqaf lill-attur. L-attur invece xehed li kien ftiehem ma Chris Said dwar kif kellu jahdem u li jekk kien ser jaqbez Santa Maria ma setghax jahdem bil-gurnata. Il-Perit fuq dan il-punt qal li l-attur kellu jzomm id-data li kien ftiehem mal-konvenut u kellu jispicca x-xoghol sa l-ahhar ta' Settembru,

1996 (ara para 20:18 u 20:19). Il-Perit ma rriskontra ebda xoghol li sar hazin.

Dwar xi pretensjonijiet ta' l-attur ghal xi kumpens li hu allega li sofra minhabba li gie mwaqqaf mill-konvenut il-Perit qal li jirrizulta mix-xhieda li wara l-festa ta' Santa Marija, l-attur stess ma setghax jahdem granet imma fil-ghaxijiet u dan ifisser li l-attur kien diga' maghfus bix-xoghol.

Fuq ix-xoghol li lahaq ghamel l-attur, il-perit ikkonkluda li l-attur ghandu jiehu Lm500. Il-konvenut fil-kontro-talba tieghu qal li hu kien ta Lm500 lill attur bhala depozitu (ara fol. 21). Fix-xhieda tieghu pero' l-attur xehed li hu kien qal lil Chris Grima li dwar il-faccata setgha jhallsu aktar tard billi kellhom hafna spejjez. Fuq dan ix-xoghol ma tawh ebda depozitu (ara xhieda tal-attur fol. 55 para xxi) u fil-fatt ma jissemma xejn fuq depozitu fil-ftehim dok DM 1.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tichad l-eccezzjoni tal-konvenut u l-kontro-talba tieghu, spejjes ghall-konvenut; tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill attur is-somma ta' Lm500, bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghax li jibdew jiddekorru fuq l-ammont mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**